3

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur.

CCT/ 261/13 MS

Mary Sacco

vs

Apex Interior Ltd.

Illum 7 ta' Settembru, 2015

It Tribunal

Wara li ra t-talba tar-rikorrenti tal-1 ta' Novembru 2013 fejn talbet is-somma ta' elf erba mija u disghin Euro (€1,490) konsistenti fl-ispejjez kollha illi hija ghamlet u anticipat illi forsi ser taghmel in konnessjoni ma' installazzjoni ta' *skylight* inkluz f'din is-somma r-rifuzjoni tad-depozitu fl-ammont ta' mija u sebghin (€170.00) imhallsa lis-socjeta' konvenuta.

Wara li ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn din sostniet illi kienet disposta tirrifondi d-depozitu mhallas izda ma qesitx ruhha responsabbli ghall-bqija tal-ammonti reklamati mir-rikorrenti.

Wara li ra l-atti kollha tal-process.

**Ikkunsidra**

Illi irrizulta mill-provi illi fil-kors tal-kostruzzjoni ta' fond urban r-rikorrenti ddecidiet illi f'saqaf minnhom taghmel *skylight* u ghalhekk avvicinat lis-socjeta' konvenuta b'din il-proposta u ftehmu fuq il-prezz kif ukoll id-daqs u l-ghamla tal-iskylight. Mal-ftehim ir-rikorrenti hallset depozitu ta' €170.00 u s-socjeta' konvenuta baghtet il-qisien lis-supplier taghha barra minn Malta biex jimmanifattura l-iskylight rikjest mir-rikorrenti. Sadanittant ir-rikorrenti halliet spazju fis-saqaf fuq il-qisien miftiehma sabiex l-iskylight ikun jista' jidhol fih. Gara pero' illi meta l-iskylight wasal Malta u inhareg mill-packing u l-kaxxa tieghu, r-rikorrenti nnutat illi dana kellu xi brix. Ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ma accettax din l-osservazzjoni ghax qal illi kienet xi haga normali illi jkun hemm dan il-brix u ma kienx il-kaz illi dan l-iskylight jinbidel. Gie suggerit illi dan l-iskylight jinhareg fid-dawl sabiex jigi ezaminat u jaraw jekk dawn il-grif jibqghux jidhru. Mhuwiex maghruf jekk dan l-esercizzju fil-fatt sarx ghax jidher illi r-relazzjonijiet bejn il-partijiet hzienu, impikaw ma' xulxin bir-rikorrenti tinsisti illi tiehu sklight minghajr grif u s-socjeta' konvenuta tibqa' tinsisti illi skylight ma kellu xejn hazin u riedu jirrifondu id-depozitu lura lir-rikorrenti. Din ma accettatx peress illi skond hi ghamlet hafna spejjez sabiex timmodifika s-saqaf ghal qies partikolari ghal dan l-iskylight u ghalhekk ppretendiet il-hlas lura ta' dawn l-ispejjes. Talbet ukoll ir-rifuzjoni ta' hamsin Euro (€50.00) ghar-rapport li pprepara fuq kummissjoni taghha il-perit Noel Debattista.

**Ikkunsidra**

Illi ghas-soluzzjoni ta' din il-vertenza t-Tribunal irid jirikorri ghal titolu VI tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan it-titolu jitratta fuq il-bejgh. L-artikolu 1347 ighid illi l-bejgh hu perfett bejn il-partijiet ..... malli jsir il-ftehim fuq il-haga u fuq il-prezz, ghalkemm il-haga tkun qatt ma gietx ikunsinnata u lanqas ma jkun imhallas il-prezz. Dan ifisser kwindi illi meta r-rikorrenti u s-socjeta' konvenuta iddentifikaw l-iskylight u ftehmu fuq il-prezz, legalment il-bejgh gie kompjut u b'hekk jiskatta l-artikolu 1378 illi jispecifika li l-bejjiegh ghandu zewg obbligi 'jigifieri, li jikkunsinna, u li jiggarantixxi l-haga mibjugha. ''

Illi mil-provi mismugha rrizulta li s-socjeta' konvenuta ma ghamlet xejn minn dan, principlament ghax ma kienx f'posizzjoni li jigarantaxxi l-haga mibjugha.

Ir-rikorrenti kellha d-dritt illi tircievi l-oggett mixtri hieles min kull difett, izda f'dan il-kaz jidher illi l-iskylight kien affett minn kundizzoni li ghar-rikorrenti kien difett mentri ghas-socjeta' konvenuta ma kienx. Mhuwiex kontestat min-naha tas-socjeta' konvenuta illi kien hemm dawn il-grif - jikkontestaw il-fatt illi dawn il-grif seta' kellhom xi effett fuq l-operazzjoni tal-iskylight u sahhu l-argument taghhom bil-fatt illi jghidu illi dan l-iskylight inbiegh lil terza persuna minhajr ilment.

Illi bir-rispett, dan l-argument ma jbiddilx ir-relazzjoni giurdica illi nholqet bejn l-attrici bhala x-xerrejja u s-socjeta' konvenuta bhala l-bejjiegh. Il-partijiet mhux talli ikkonkudew in-negozju bil-ftehim fuq il-prezz u l-identifikazzjoni tal-oggett, talli s-socjeta' konvenuta insistiet fuq il-hlas ta' depozitu bhala parti mill-prezz, biex b'hekk tkomplli tissoda r-rabta guridika illi kien hemm bejn il-partijiet.

Ghalhekk it-tribunal ihoss illi s-socjeta' konvenuta ma kellha l-ebda dritt tiddisponi mill-iskylight favur terzi, ghax b'hekk gew pregudikati irremedjabilment id-drittijiet tar-rikorrenti bhala x-xerreja ta' dan in-negozju. Il-fatt illi r-rikorrenti tista' tuza skylight tal-hgieg fl-istess dimensjonijiet tat-toqba maghmula fis-saqaf ma jbiddilx in-natura tan-negozju bejn il-partijiet ghax anke jekk l-attrici issib skylight tal-qies, dan ikun negozju gdid u ma jaffetwax dak originarjament milhuq bejn il-partijiet. Li kieku s-socjeta' konvenuta riedet tezimi ruhha mir-responsabbilta l-uniku rimedju li kellha kien illi tiddepozita formalment l-iskylight fil-Qorti biex b'hekk in-natura guridika ta' dan in-negozju jista' jigi kontrollat mill-Qorti fuq kawza ad hoc u d-drittijiet kemm tax-xerrej kif ukoll tal-bejjiegh, jigu salvagwardjati pendenti l-ezitu tad-decizjoni tal-Qorti. Bl-agir unilaterali u arbitrarju tas-socjeta' konvenuta, dan kollu gie pregudikat, biex issa r-rikorrenti ma tistax tikkompleta n-negozju bi pregudizzju ghaliha. Ghalhekk legalment it-Tribunal ihoss li s-socjeta' konvenuta aggixiet b'mod illegali.

**Ikkunsidra**

Illi ghal dak li jirrigwarda d-depozitu u d-danni ma hemmx dubju illi d-depozitu jrid jigi mhallas lura pero min-naha l-ohra r-rikorrenti qieghda tinsisti illi ghandha tithallas ukoll ghall-ispejjes illi ghamlet ghal modifikazzjoni tas-saqaf biex jaccetta dak l-iskylight. Ammont minn dak mitlub - u cjoe' tmien mija u hamsin (850) ghadhom ma thallsux mir-rikorrenti peress illi dawn l-ispejjes huma ipotetici.

It-tribunal ma jidhirlux illi ghandu jilqa' s-somma kollha mitluba, aktar u aktar meta rrizulta illi hafna minn dawn l-ispejjes huma ipotetici u jista' jitwahhal skylight iehor bl-istess qies u anke ta' materjal differenti (hgieg). Ghalhekk ma jhossx illi ghandu jpoggi r-rikorrenti f'sitwazzjoni

vantagguza b'detriment ghas-socjeta' konvenuta. Pero jkun gust u ekwu li arbitrio bono viri jistabilixxi somma bhala danni u kumpens tal-mod kif giet trattata r-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jilqa' parjzalment it-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta li jhallasha s-somma ta' erba' mija u hamsin (€450.00) kwantu ghal mija u sebghin Euro (€170.00) id-depozitu originarjament imhallas u kwantu ghal mitejn u tmenin (€280.00) danni kif fuq inghad. Bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**